MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħ'Attard

# IS-SEBA' LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 35

18 ta' Diċembru 2017

Il-Kunsilli Lokali H'Attard ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 6, Triq il-Kbira, Ħ'Attard, fis-5.30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

STEFAN CORDINA – Sindku
MARISA ABELA – Kunsillier
RAYMOND AZZOPARDI – Kunsillier
RALPH CASSAR – Kunsillier
JOHN DEBONO – Kunsillier
ALEX MANGION – Kunsillier
CONNIE SCERRI – Kunsillier
MARK ANTHONY SPITERI - Kunsillier
ALFRED ZAMMIT - Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

ASSENTI

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Marica Mifsud – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku, is-Sur Stefan Cordina ippresieda l-laqgħa. Kulħadd kien preżenti għall-laqgħa fil-ħin bl-eċċezzjoni tas-Sur John Debono li kien għadu ma wasalx.

## 35.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

35.1.1 Ma kienx hemm ittri t'apoloġiji.

## 35.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

35.2.1 Il-minuti ġew approvati bla interventi u korrezzjonijiet.

## 35.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

**Sospensjoni biex jitkellmu rappreżentanti tal-AID Associates fuq l-applikazzjoni tal-pompa tal-petrol fi Triq l-Imdina.**

35.3.1 Is-Sinjuri Xuereb u Mc Collough spjegaw li ikkuntatjati mill-applikant sabiex iħejju EIA għall-PA 07807/16. Qali li huma kumpanija mqabbda uffiċċjalment mill-ERA biex jagħmlu dawn l-*assessments* fuq l-ambjent. Permezz ta' *slide show* huma spjegaw li s'issa għamlu assessments fuq:

1. Xogħolijiet f'San Gwann fejn l-area kienet ODZ u kien hemm xi *archeological issues,*
2. Il-proġett tal-bypass tas-Salini fejn il-proġett ma kienx *in line with intentions of the emerging policy document.* Għaldaqstant ERA talbet *EIA Process and an Environmental Planning Statement.* Il-*Method Statement* normali jkun kemm *geographical*, *agricultural* (5.52pm daħal is-Sur John Debono), *landscape and visual amenity* u *emissions to air.*

Dan kollu hu parti u skond il-*Fuel Statements Policy.*

Is-Sindku nforma lill-Kunsill li rigward:

35.3.2 Fuq il-proposta ta' by-pass ġdida is-Sur Cordina qal li kien hemm tlett *feedbacks* tas-Sinjuri Cassar, Zammit u Debono. Inqraw il-proposti tas-Sur Cassar fost l-oħrajn li bħalha konkluzjoni urew li hu kontra l-proġett. Hu qal li hija kwistjoni ta' *policy*/politika. Is-Sur Cassar qal li ma sarux proposti oħrajn tat-triq fuq il-pilastri jew *underbypass* filwaqt li s-Sur Spiteri qal li ovvjament din kienet l-eħfef għażla. Is-Sur Cordina qal li l-Ministru ura biċ-ċar li l-proġett ħa jsir anka għall-fatt li l-maġġoranza tan-nies urew li huma favorevoli għal da nil-proġett. Is-Sur Spiteri qal li jiftakar li xi snin ilu l-pjanti mhux daqshekk elaborati kienu ttellgħu Kunsill u l-Kunsill ta' dak iż-żmien kien oġġezzjona għax kien ħa jittieħed ħafna raba' saqwi. Is-Sur Cordina qal li l-Kunsill mhux jgħid li huma kontra l-proġett u jekk finalment isir isir imma l-inqas li jistgħu jagħmlu hu li jgħidu li 'iva aħna naqblu mal-proġett imma jista' jsir xi ħaġ'oħra. Is-Sur Cassar qal li hemm vantaġġi u żvantaġġi u min xtara propjeta' kien jaf x'qed jixtri u x'kien hemm propost. Fuq hekk, kompla naqblu żgur. Għaldaqstant għandha tintbagħat e-mail f'dan is-sens li ….il-Kunsill jirrikonoxxi li hemm problema ta' traffiku imma….. u jiġu elenkati l-proposti fuq imsemmija.

## 35.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

35.4.1 Is-Sur Alfred Zammit saqsa fuq:

- Arblu tal-injam fi Triq is-Sienja li għadu ma tneħħiex.
- Li l-kuntrattur tan-Non Urban qata' l-ħaxix imma ħallieħ hemm, li dan qatt ma jagħmel biċċa xogħol sew u regolari u li kif jiskadi l-kuntratt m'għandniex inġeddulu iktar.
- Li l-knis reġa' qata' lura speċjalment Victor Vassallo u Istwiel. Qal li vera n-nies iħammġu imma jridu jnaddfu wkoll u li ċemplulu xi nies jilmentaw. Is-Sur Cordina qal li meta jċemplulhom in-nies, għandhom imorru jaraw dakinhar stess, għax per eżempju dakinhar ċempel xi ħadd jilmenta li kien hemm il-plastik fi Triq Gorg Zammit, issa min ħarġu l-plastik jekk mhux ir-residenti stess? U l-junk mail li jispiċċa kollu fit-toroq, it-tazzi tal-plastik u ġablo ħdejn stabbilimenti u għandhom il-bins, u fejn l-istages jitfgħu il-boroż taż-żibel u jrossu l-isfel ġol-bins u kollox għal ġot-triq. Biex naraw naqra qabel ngħidu li knis mhux isir.

35.4.2 Is-Sur Mark Anthony Spiteri saqsa fuq:

- Il-linji sofor ta' Sqaq it-Tut li huma twal ħafna u talab biex terġa tiġi riveduta d-deċizjoni u jiqsaru ftit.
- Li l-proġett ta' Triq Dun Mikiel Xerri ħa jsir imma għallinqas ikkunsidraw xi tibdiliet.

35.4.3 Is-Sur Ralph Cassar saqsa fuq:

- Talab sabiex titwitta l-ħamrija fi Triq Birkirkara
- Skuża ruhu li ma setgħax jattendi l-Bazaar li mar tajjeb ħafna u li nġabret is-somma sabiħa ta' €1755 li kien jinsab fiċ-ċedola biex jintbagat lill-Puttinu Cares.
- Li t-tiżjin tat-toroq ta' ħdejn il-Knisja u s-siġra tal-Milied ġew sbieħ.

35.4.4 Is-Sur Connie Scerri qalet li:

- *Il-hedge* ta' Triq Frans Dingli għandha bżonn dawra u għandha tkellem lill-kuntrattur hi.

Is-Sur John Debono ħalla l-kamra 6.59pm.

35.4.5 Is-Sur Raymond Azzopardi qal li:

- Li d-dar 'Xenia' fi Triq il-Mosta nbiegħet bis-subbasta u ħa tiġi żviluppata. Is-Sur Spiteri qal li la hija ġo żona ta' żvilupp tiġi żviluppata. Hu talab li ssir oġġezzjoni għall-iżvilupp. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet wieħed irid jara x'oġġezzjoni u kif issir minħabba li d-dar li nbiegħet kienet tiegħu. Hu talab li jitnizzlu dawn il-punti:
    - Ha tiġi ffurmata triq b'ħitan bojod kontra DC 2015
    - Dan ħa jimpatta negattivament fuq l-ambjent
    - Ħa tiżdied il-problema tad-drenaġġ u parkeġġi
    - Hemm xelter ta' żmien it-Tieni Gwerra Dinjija li ħa jiġi mittiefes.

Is-Sur Cordina qal li ha jkellem lill-Perit tal-Kunsill.

## 35.5 Tiġdid ta' Bilanċi tal-Leave tal-Impjegati għas-Sena 2018

35.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat li per regola meta jkun hemm xi leave li ħa jiġi mġedded minn sena għall-oħra dan irid jiġi approvat. Il-leave tal-Impjegati kollha, nkluż is-Segretarju Eżekuttiv, li jrid jiġi wkoll approvat mid-Dipartiment, ġie mġedded.

## 35.6 Rapporti

35.6.1 Ma kienx hemm rapporti.

## 35.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iSkeda ta' Pagamenti

35.7.1 Is Segretarju Eżekuttiv qalet li kien hemm żieda fiċ-ċedola minn dik mibgħuta lilhom minn pagament nru. 61 sa pagament nru. 64 u qarathom wieħed wieħed. Qalet ukoll li ċ-ċedola tinkludi l-pagi bil-bonuses u l-allowances tal-Kunsilliera u li l-paga tas-Sinjura Sammut telgħat awtomatikament minn skala 11 għal skala 10 permezz taċ-Cirkulari fuq Progressions fejn kull ħaddiem wara ħames snin jitla' skala. Iċ-ċedola ġiet approvata.

## 35.8 Mozzjonijiet; u

35.8.1 Ma kienx hemm mozzjonijiet.

## 35.9 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

35.9.1 Il-laqgħa ntemmet fis-7.25pm u ġiet aġġornata għat-22 ta' Jannar 2018 fil-5.30pm.

Konfermati, illum 22 ta' Jannar 2018.

| | |
|---|---|
| Stefan Cordina | Marica Mifsud |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |